MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 753/2003

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Charles Calleja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta fejn talbet l-ammont ta' Lm867.40c (tmien mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut bhala *berthing fees* kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn ikkontesta t-talba ghar-ragunijiet segwenti:

1. L-ammont ta' Lm237.54c (mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) mhux dovut mill-

konvenut ghaliex jirrigwarda l-hlas dovut ghall-perjodu wara li l-konvenut ittrasferixxa l-boat in kwistjoni;

2. L-ammont ta’ Lm521.88c (hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) kienu offruti lill-Awtorita’ attrici izda din irrifjutathom, ghalhekk gew iddepozitati l-Qorti b’Cedola numru 2003/2002 fil-5 ta’ Novembru, 2002.

3. Il-bilanc ta’ Lm107.98c (mija u seba’ liri Maltin u tmienja u disghin centezmu) mhux dovut ghaliex Lm50 (hamsin lira Maltin) huma spejjez mhux imputabbli lill-konvenut u d-differenza rimanenti dovuta ghal *overcharging*.

Illi fit-trattazzjoni tal-kawza l-Awtorita’ attrici qablet li l-Lm521.88c (hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) gew iddepozitati favur taghha b’Cedola qabel ma gietipprezentata l-kawza.

Illi fil-mori tal-kawza l-Awtorita’ attrici pprezentat riduzzjoni fit-talba fl-ammont ta’ Lm50 (hamsin lira Maltin) ghalhekk it-Tribunal mhux se jkompli jikkunsidra l-ewwel parti tat-tielet eccezzjoni fir-Risposta tal-konvenut liema parti hija gustifikata.

Ghalhekk huma biss l-ispejjez tal-*berthing fees* li qed jigu kkontestati jigifieri l-ammont ta’ Lm237.54c (mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) u r-rimanenti Lm57.98c (sebgha u hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) – *overcharging*.

Illi l-Awtorita’ attrici tissottometti li l-fatt li sar transfer tad-dghajsa ma jfissirx li sar transfer tal-berth. Il-konvenut ighid li hu talab li jigi ttrasferit il-berth u pprezenta d-dokumenti kollha sabiex dan isir. Jekk ma sarx, tort ta’ l-Awtorita’ attrici jew tal-predecessur taghha mhux tort tal-konvenut.

Ghalhekk it-Tribunal irid jikkunsidra jekk sarx transfer tal-berth u meta. Illi skond Christopher Schembri l-konvenut ipprezenta kopja tat-transfer tad-dghajsa fit-18 ta’ Lulju,

2002 izda l-Awtorita’ attrici baqghet tippretendi hlas mill-konvenut billi ma sarx it-transfer tal-berth billi l-Awtorita’ attrici ma taccettax it-transfer tal-berth meta jkun hemm xi kontijiet pendenti.
Christopher Schembri qal ukoll li l-Awtorita’ attrici ma kellhiex ittra mill-konvenut fejn ikkonferma li ghadda l-*berthing rights* lill-persuna li xtrat id-dghajsa.

Il-konvenut xehed li kien qed ihallas zejjed fuq id-dghajsa in kwistjoni ghaliex suppost kien qed jinghata *discount*. Hu kien avza lill-Awtorita’ attrici li kien ghamel it-transfer tal-berth u li l-Awtorita’ attrici kienet tatu rcevuta ta’ l-istess transfer tal-berth izda baqa’ jircievi invoices fuq l-istess berth.

**Ikkunsidra**

L-ammont ta’ Lm521.88c (hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) mhux ikkontestat mill-konvenut anzi offra dan l-ammont ghas-saldu ta’ l-ammont sal-31 ta’ Dicembru, 2002. Illi l-Awtorita’ attrici kellha dritt li ma taccettax dan l-ammont ghaliex kieku accettat dan l-ammont kienet qieghda tirrinunzja ghall-ammont ulterjuri dovut lilha.

Illi l-Awtorita’ attrici tippretendi total ta’ Lm817.40c (tmien mija u sbatax-il lira Maltin u erbghin centezmu). Dan jigifieri li hemm Lm295.52c (mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu) kkontestati.

Illi l-konvenut ma esebiex l-ircevuta li huwa stess qal li l-Awtorita’ attrici kienet tatu li tindika li kien sar it-transfer tal-berth.

Illi l-konvenut ma ppruvax li t-transfer tal-berth kien fil-fatt sehh.

Illi l-konvenut naqas ukoll milli jipprova kif id-differenza rimanenti hija dovuta ghal *overcharging* hekk kif stqarr fit-tielet eccezzjoni.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita' Marittima ta' Malta l-ammont ta' Lm295.52c (mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu) bhala *berthing fees*. B'dan illi huwa ntiz li l-Awtorita' attrici hija awtorizzata li tigbor l-ammont ta' Lm521.88c (hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) li kien gie ddepozitat il-Qorti b'Cedola numru 2003/2002 fil-5 ta' Novembru, 2002. Bl-ispejjez in kwantu ghal 3/4 ghall-konvenut u 1/4 ghall-Awtorita' attrici. Bl-imghax mid-data tas-sentenza fuq l-ammont ta' Lm295.52c (mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------